VICTIM SUPPORT AGENCY



# Rapport Annwali 2023

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Rapport Annwali 2023

# Werrej

Messaġġ Mill-Ministru 27

Messaġġ Mis-Segretarju Permanenti 31

Kelmtejn Mill-Kap Eżekuttiv 33

Messaġġ Mill-Kap Tas-Servizzi 35

Finanzi u Amministrazzjoni 37

Testimonjanzi 45

It-Triq 'il Quddiem 2024 47

# Messaġġ Mill-Ministru



Għaddew tliet snin issa mindu ħloqna l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità. Kien perjodu li matulu tgħallimna u bnejna fuq is-suċċessi. Mindu nħolqot din l-Aġenzija, aktar minn tlett elef persuna avviċinatha u nqdiet minnha.

Biżżejjed? Qatt mhu biżżejjed.

Il-VSA kienet bdiet il-ħidma tagħha mill-uffiċini fil-Belt Valletta, u fl-aħħar snin espandiet b'ċentri fil-Qawra, Santa Luċija, l-Għarb u x-Xewkija.

Bdiet tipprovdi wkoll servizzi ta' informazzjoni fl-iskejjel, kunsilli lokali u djar tal-anzjani. Aktar kruċjali minn hekk, investejna fir-riżors uman tal-Aġenzija, billi l-ħaddiema tagħha ngħataw taħriġ u anke ġew esposti f'xenarji fejn daqu r-realtajiet li jgħaddu minnhom il-vittmi tal-kriminalità.

Għalhekk, ġew reklutati uffiċjali b'esperjenza fl-oqsma psiko-soċjali u legali, sabiex l-Aġenzija tagħti appoġġ aħjar u aktar effettiv lill-klijenti tagħha.

Għalhekk, il-bżonn li l-politika ta' sostenn u wens lill-vittmi tal-kriminalità u dawk tal-vjolenza domestika, għandha tibqa' tiffoka fuq il-vittmi, fuq il-kunfidenzjalità tal-vittmi, u billi niżguraw li s-servizzi pprovduti lill-vittmi jingħataw bil-kunsens tagħhom u fir-rispett sħiħ tad-deċiżjonijiet tagħhom - irrispettivament jekk jiddeċidux li jħallu jew jibqgħu f'relazzjoni abbużiva.

Huwa daqstant ieħor kruċjali li l-vittmi jibqa' jkollhom aċċess għal-linja ta' kuntatt nazzjonali offrut lill-vittmi: 116 006, kulmeta jkunu jinħtieġu jiksbu informazzjoni u appoġġ dwar kif jistgħu jaċċessaw is-servizzi ta' sapport għall-vittmi. Għalhekk il-ħtieġa, li malajr kemm jista' jkun, jingħata aktar taħriġ speċjalizzat lill-uffiċjali li jkunu qed joperaw dan is-servizz. Huwa daqstant ieħor importanti, għal li ġej, li l-Aġenzija tifrex aktar is-servizzi ta' għajnuna legali u ta' counselling, u tara li dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli ghal kulħadd, saħansitra għal dawk li ġejjin minn kulturi jew sfondi reliġjużi differenti.

Wieħed ta' min jara wkoll kif vittmi tal-kriminalità, speċjalment tal-vjolenza domestika, jistgħu jiġu mgħejjuna b'finanzi jew b'akkomodazzjoni temporanja, sabiex huma jiksbu indipendenza minn min ikun qed jabbużahom.

Daqstant ieħor, għandu jiġi kkunsidrat ukoll, jekk f'każ ta' bżonn, vittmi ta' vjolenza domestika għandhomx jingħataw taħriġ għal impjieg jew assistenza biex ibiddlu x-xogħol sabiex jibnu mill-ġdid l-istabbiltà ekonomika tagħhom.

Nemmen li l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità trid tibda tara kif issaħħaħ u tifrex aktar servizzi relatati mas-saħħa mentali u oħrajn li joffru wens kontra trawmiet psikoloġiċi, kemm fuq bażi individwali, u anke bħala parti minn group counselling. Dan minbarra li tibqa' tipprovdi s-servizz li permezz tiegħu takkumpanja vittmi li jkunu se jitilgħu jixhdu l-Qorti.

Aktar kruċjali huwa l-introduzzjoni tal-alarm buttons lill-vittmi tal-vjolenza domestika, li huma meqjusa f'riskju għoli. Nemmen li dan is-saff addizzjonali ta' protezzjoni se jżid is-sigurtà lill-vittmi f'riskju għoli minn qabel ma jibdew proċeduri fil-Qrati.

Daqstant ieħor, fuq kollox, ma rridx ninsa kif nistgħu nagħtu servizzi ta' appoġġ lit-tfal li jkunu raw b'għajnejhom, jew ikunu konxji minn atti ta' vjolenza domestika.

Nammetti li kulma jmur qegħdin dejjem nintebħu b'kemm għandna sfidi sabiex inwieżnu lill-vittmi tal-kriminalità u tal-vjolenza domestika. Iżda m'għandniex naqtgħu qalbna. Ftit tas-snin ilu, kien hawn ftit ħafna lejn fejn setgħu jirrikorru l-vittmi, għall-wens jew l-għajnuna. Illum hemm infrastruttura soda u wiesgħa. Hemm ukoll għarfien li qiegħed dejjem jikber dwar il-bżonn ta' tolleranza żero fuq min bl-aġir tiegħu joħloq vittma. Huwa biżżejjed? Qatt mhu biżżejjed.

Qajla tista' tfarraġ vittma tal-kriminalità jew tal-vjolenza domestika mill-imrar fiżiku u mentali li jkunu għaddew minnu. Fl-aħħar mill-aħħar, iżda, nistgħu nagħmlu dak kollu possibbli biex inseddqu aktar l-għodda li tagħti sostenn u wens lill-vittmi. U dan huwa impenn li dan il-Gvern se jibqa' jagħti sena wara sena, xahar wara xahar, u jum wara jum.

**Onor. Ministru Byron Camilleri**
Il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u l-Impjiegi



# Messaġġ Mis-Segretarju Permanenti



Il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol għandu rwol fundamentali fis-salvagwardjar tal-interessi tal-Għejjer Maltin. Bħala parti minn din il-missjoni, aħna nibqgħu impenjati li nappoġġjaw lill-vittmi tal-kriminalità permezz tal-Aġenzija tal-Vittmi tal-Kriminalità (Victim Support Agency, VSA). Matul l-aħħar tliet snin, l-Aġenzija rreġistrat aktar minn 3,000 individwu li qed ifittxu appoġġ, li juri b'mod ċar il-ħtieġa kontinwa għas-servizzi tagħha. Huwa essenzjali li nkomplu ninvestu u nappoġġjaw it-tkabbir u s-suċċess tal-VSA fit-twassil ta' servizzi pubbliċi kritiċi.

L-assistenza lill-vittmi tal-kriminalità teħtieġ approċċ ta' kumpassjoni u multidixxiplinari li jindirizza mhux biss il-benesseri tal-individwu iżda wkoll il-ħtiġijiet kulturali, razzjali u soċjoekonomiċi differenti tagħhom. L-Aġenzija bniet b'suċċess struttura ta' appoġġ robusta li tħeġġeġ il-kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra, trawwem l-innovazzjoni, u tippromwovi l-iżvilupp tal-persunal. Illum, il-vittmi tal-kriminalità għandhom punt ta' kuntatt nazzjonali li minnu jistgħu jfittxu għajnuna u pariri permezz tal-Helpline 116 006—punt uniku ta' servizz li jipprovdi servizzi bla ħlas u kunfidenzjali bħal informazzjoni, appoġġ emozzjonali, u gwida legali.

Huwa ta' pjaċir kbir li napprova r-Rapport Annwali tal-VSA għall-2023. Infaħħar lill-maniġment u lill-persunal tal-VSA għad-dedikazzjoni soda tagħhom għal approċċ iffukat fuq il-vittmi, u nħeġġiġhom ikomplu din il-ħidma vitali fid-dmirijiet tagħhom ta' kuljum.

## Joyce Dimech

Segretarju Permanenti
Il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u l-Impjiegi

# Kelmtejn Mill-Kap Eżekuttiv



Is-sena 2023 tfakkarna f'dawk il-kisbiet u inizjattivi li għenuna nifhmu aħjar is-sens li jkun hawn ħidma u kollaborazzjoni bejn l-aġenziji konċernati fil-qasam tas-sapport għall-vittmi tal-kriminalità. Studju kkomissjonat mill-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità, juri li t-tisħiħ ta' networks ta' sapport, f'perjodu fejn il-kumplessità tal-vittimizazzjoni qegħda tevolvi, hija kritika. L-ebda entita waħedha ma tistgħa tindirizza l-bżonnijiet kollha tal-vittmi, u għalhekk l-importanza li jkun hemm sejħa għal azzjoni ma' l-imsieħba kollha fis-settur sabiex jingħaqda bħala front wieħed hija neċessarja.

Jirriżulta li l-kollaborazzjoni bejn l-aġenziji titmexxa fuq tlett tipi ta' motivazzjoni: Kif se tilqa' għal kwistjonijiet kumplessi, l-insegwiment ta' ekonomiji ta' skala, u l-kisba ta' vantaġġ kollaborattiv. Tali kollaborazzjoni twassal għall-impatt sinjifikanti fuq il-professjonisti, kemm bħala sodisfazzjoni fuq ix-xogħol, kif ukoll fejn titħol kreattività, awtonomija u kunfidenża profesjonali. Twassal ukoll sabiex issaħħaħ numru ta' opportunitajiet fil-komunikazzjoni, interazzjoni, aċċessibilità u soluzzjonijiet għal problemi.

L-impatt tal-kriminalità fuq persuna jew grupp ta' persuni huwa impossibli li jkun stmat minħabba li dan jaf jinvolvi tbatijiet fiżiċi, fsikoloġiċi, finanzjarji u saħansitra soċjali. Minkejja li jkun hawn ftit persuni li jirnexxielhom ilaħħqu ma' dawn it-tbatijiet, oħrajn inqas fortunati, jispiċċaw jgħixu ħajja fejn jiddubitaw minnhom nfushom, mir-relazzjonijiet tagħhom u mid-dinja ta' madwarhom.

Għaldaqstant l-aġenzija se tkompli taġixxi ta' punt nazzjonali ta' kuntatt għall-vittmi tal-kriminalità f'Malta u f'Għawdex – fejn toffri spażju sikur u kenn lil utenti tas-servizz minn fejn jkunu jistgħu jaċċessaw s-servizz ta' sapport b'mod dirett u kunfidenżjali, mingħajr dewmien minħabba prattiċi burokratiċi qodma.

F'dawn l-aħħar tlett snin, l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità kompliet tkabbar fil-kapaċità interna tagħha u fil-kwalità tas-servizz, fejn varat ukoll servizz ta' Linja Nazzjonali ta' Sapport 116 006; linja li qed isservi bħala għodda importanti għal dawk l-vittmi li qed ifittxu informazzjoni u aċċess għas-servizzi ta' sapport.

Xtaqt nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn l-Onor. Ministru u Segretarju Parlamentari fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Interni, Sigurtà u Xogħol; kif ukoll lejn l-Imsieħba Kollha u Kollegi f'entitajiet differenti li jaħdmu ma' l-aġenzija ta' kuljum u fuq kollox, lil membri ta' l-Aġenzija (tim multidixxiplinari) li huma tant kommessi u dedikati f'dan ix-xogħol, b'mod partikolari sabiex koffru kwalità ta' ħajja aħjar lil klijenti tagħhom – vittmi tal-Kriminalità.

**Brian Farrugia**
Kap Eżekuttiv



# Messaġġ Mill-Kap Tas-Servizzi



Ħadd ma jixtieq li jisfa' vittma ta' reat, li sfortunatament tista' tiġri lil kulħadd, ħafna drabi fi żmien li wieħed ikun l-inqas li qed jistenna. Għalhekk, is-sapport f'dak il-mument partikulari jista' jagħmel differenza kbira. Ix-xogħol tagħna ta' kuljum huwa li niżguraw li n-nies hemm barra jkunu jafu bis-servizzi kollha offruti u kif jistgħu jibbenifikaw minnhom. Għadni niltaqa' ma' persuni u anki professjonisti li xorta jgħiduli li ma kinux jafu b'dawn is-servizzi qabel ġew bżonnhom. Ta' kull sena nibqgħu naħdmu sabiex inkunu aktar kreattivi li nilħqu aktar nies, u min ikun għaddej minn żmien diffiċli ma jħossux waħdu jew jaqta' qalbu.

Illum il-ġurnata, bil-freephone 116 006, li hija l-linja uffiċjali ta' sapport għall-vittmi ta' reati, persuna tista' ċċempel kuljum 24/7 u tingħata l-assistenza kollha meħtieġa. Apparti minn hekk, għandna numru ta' pulizija li jagħmlu outreach ta' kuljum billi jċemplu lill-vittmi li jkunu għamlu rapport, jistaqsuhom jekk għandhomx bżonn xi assistenza oħra, u jinfurmawhom bis-servizzi tal-Aġenzija. Dan ifisser li wara li vittma tmur tagħmel rapport mal-pulizija, din il-persuna ser terġa' tiġi kkuntattjata mill-victim support tal-pulizija, u jassistuha minn dak il-mument 'il quddiem. Ħafna vittmi jkunu jixtiequ assistenza varja, li tinkludi informazzjoni fuq ir-rapporti tagħhom, sapport emozzjonali, u anki parir legali.

Sena wara sena, il-pulizija, kif ukoll il-professjonisti fi ħdan l-Aġenzija jgħinu għexieren ta' nies, fejn l-esperjenzi tagħhom jgħallmuna kif għandna ntejbu s-servizzi u naħdmu fuq inizjattivi ġodda għall-aħjar interessi tagħhom.

Jekk inħarsu lejn il-każijiet li bħala Aġenzija l-aktar li jkollha, huma dawk ta' vjolenza domestika, għalkemm dan ma jfissirx li l-każijiet l-oħra huma ta' anqas importanza. Ta' kull sena, in-numru ta' vittmi li qegħdin jaċċettaw l-għajnuna u s-sapport emozzjonali qiegħed jiżdied, u magħhom żdied ukoll it-tim li joffri dan is-servizz. Għandna tim dedikat li ta' kuljum jassisti u jissapportja l-vittmi, minn kull sfera tas-soċjetà. L-għan tagħna jibqa' sabiex kull persuna li għaddejja minn mument diffiċli f'ħajjitha, terġa' ssib lilha nnifisha, u tgħix il-ħajja li tixirqilha.

**Supt. Sylvana Gafa'**
Kap Tas-Servizzi

# Finanzi u Amministrazzjoni

## Tqassim Tal-Ispejjeż Fl-2023 Għall-Konsenja Tas-Servizz




## Taħriġ Li Attendew Għalih L-Impjegati Tal-VSA Fl-2023






L-Aġenzija għas-Servizzi tal-Vittmi tal-Kriminalità nehdiet il-linja nazzjonali ta' sapport għall-vittmi tal-kriminalità bin-numru 116 006.

Din il-linja bdiet topera fl-1 ta' Mejju mit-Tnejn sal-Ħadd, inklużi f'festi pubbliċi. B'telefonata vittmi ta' kull tip ta' kriminalità jistgħu jingħataw servizzi bla ħlas li toffri l-Aġenzija fosthom servizzi emozzjonali u psikoloġiċi, servizzi ta' għajnuna legali kif ukoll servizz ta' aċċess għal informazzjoni jew aġġornamenti dwar rapporti li jsiru lill-pulizija.




Ħaddiema tal-Aġenzija flimkien ma' uffiċjali tal-korp tal-pulizija organizzaw ħarġa għat-tfal ta' vittmi ta' vjolenza ta' domestika għall-attivita ta' Nickelodeon Treasure Hunt Malta.

Waqt il-Konferenza Ġenerali Annwali, l-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità ddiskutiet ma bosta professjonisti u uffiċjali pubbliċi ġejjin minn entitajiet differenti dwar kif nistgħu ntejbu s-servizz u nindirizzaw it-trawma filwaqt li ngħata rendikont tax-xogħol li sar matul is sena.

Xi affarijiet li ssemmew kienu:

- L-Introduzzjoni tal-linja ta' Sapport 116 006;
- Liġi ġdid għal prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika;
- Kampanji ta' għarfien f'Malta u Ghawdex;
- Notifiki lill-vittmi meta priġunier ikun ħiereġ jew ħierġa mill-faċilita korrettiva jew japplikaw għal parole.






L-Aġenzija kienet prezenti waqt Freshers' Week fl-MCAST u f'Giovanni Curmi Higher Secondary School.




Grazzi għall-organizzaturi tal-Illuminated Trail Malta qassamna biljetti lit-tfal residenti f'dar San Ġużepp Ħaż-Żabbar.



L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità iffirmat ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiżdied l-għarfien dwar l-access għas-servizzi lill-vittmi tal-kriminalità.

Professjonisti fil-qasam se jagħtu taħriġ lill-ħaddiema tal-kunsilli lokali bil-għan li jiġu mħarrġa dwar kif jistgħu jgħarrfu u jigwidaw residenti li jkunu sfaw vittma ta' xi reat kriminali.



Bħala parti mis-16-il jum ta' għarfien u attiviżmu kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-Aġenzija Għall-Vittmi tal-Kriminalita ħolqot rappreżentazzjoni artistika bl-isem Jien mill-Ġdid.

Permezz tad-drama wassalna messaġġ li kull min hu vittma ta' vjolenza domestika għandu jagħmel kuraġġ u jfittex l-għajnuna.


Annua
CONFE
NCE

# Testimonjanzi

"Bl-għajnuna li tatni l-VSA erġajt bdejt nemmen fijja nnifsi u ħadt ħajti mill-ġdid" - vittma ta' vjolenza domestika"

"Il-VSA kienet strumentali għall-familja tagħna wara li ħija miet traġikament għax bis-sapport emozzjonali li ngħatajna pruvajna ngħelbu din it-trawma" - familjari ta' vittma ta' hit and run

"Jien sfajt misruqa u bl-għajnuna legali li ngħatajt mill-VSA erġajt ksibt lura oġġett sentimentali għalija li nsteraqli" - vittma ta' serq

"Bl-għajnuna legali li ngħatajt mill-VSA skoprejt li jien vittma ta' abbuż psikoloġiku. Gwidawni u irrapurtajt l-abbuż" - vittma ta' vjolenza domestika

"Il-professjoni fi ħdan il-VSA tawni tama ġdida għall-ħajja" - vittma ta' vjolenza domestika

"F'mument li fih tlift dak kollu li kont ilni naħdem għalih, l-professjonisti tal-VSA għenuni nerġa nqum fuq sieqi u negħleb din it-trawma" - vittma ta' frodi



# It-Triq 'il Quddiem 2024

# 2023
## VSA Bord ta' Governanza

### Jannar

- Kummissjoni ta' Studju Ġdid biex tiġi identifikata kollaborazzjoni ta' diversi aġenziji.
- Ħarsa ġenerali lejn l-Istruttura tal-Kapaċità Interna tal-VSA.

### Frar

- Ġie deċiż li għandha titwaqqaf il-Linja Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Vittmi biex tikkumplimenta Linji ta' Ħidma oħra ta' Appoġġ għall-Vittmi tal-UE - 116 006

### Mejju

- Ġie deċiż li jitwaqqaf Netwerk ta' Appoġġ għall-Vittmi biex iservi grupp ta' esperti tekniċi għal-Leġiżlazzjoni u Proċeduri Nazzjonali.

### Ġunju

- Ittieħdet id-deċizzjoni li VSA tapplika għal opportunitajiet possibbli ta' finanzjament tal-UE biex jiġi indirizzat id-Diskors ta' Mibegħda onlajn.
- Applikazzjoni ta' proposta ta' proġett ġdid 1 (wieħed) għal Hatedemics approvat
- Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida 1 (waħda) magħrufa bħala l-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika.

### Awwissu

- Diskussjoni fuq pjan finanzjarju tal-VSA
- Emendi proposti għall-Establishing Order tal-VSA

### Ottubru

- Deċiżjoni li tapplika għal 1 (waħda) opportunità ġdida ta' finanzjament mill-UE biex tiġi żviluppata Strateġija Nazzjonali għall-Vittmi tal-Kriminalità f'Malta u Għawdex.
- Bdiet diskussjoni dwar il-Prijoritajiet tal-VSA għall-2024 – 2026

### Novembru

- Evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Miżuri tal-Baġit relatati mal-VSA jiġifieri t-twaqqif ta' 116 006 helpline u l-istabbiliment ta' Netwerk ta' Appoġġ għall-Vittmi.

### Diċembru

- Reviżjoni tal-Ftehim ta' Kollaborazzjoni eżistenti ma entitajiet tal-Gvern. u entitajiet mhux tal-gvern
- Diskussjoni teknika dwar l-implimentazzjoni ta' proġett maġġuri 1 (ġdid) għat-twaqqif ta' Allarm ta' Paniku għall-Vjolenza Domestika